**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**
**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 15 ta' Ġunju 2022

Rikors Ġuramentat bin-Numru: 121/2019 AL
*Fl-ismijiet*:

**A B**

**-vs-**

**C D**

**Il-Qorti:**

Dan hija sentenza parzjali dwar l-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-attriċi rikonvenzjonata A B, u dan kif ġie deċiż minn din il-Qorti permezz ta' digriet datat 26 ta' Jannar 2022,[1] wara li rat ir-rikors tal-attriċi rikonvenzjonata tal-14 ta' Jannar 2022 u r-risposta tal-konvenut rikonvenzjonant tal-25 ta' Jannar 2022;

**Ikkunsidrat:**

Rat ir-**rikors ġuramentat tal-attriċi tas-17 ta' Mejju 2019**,[2] fejn ġie mfisser illi l-partijiet kienu f'relazzjoni, minn liema relazzjoni twieled il-minuri E D B

[1] Fol. 255.
[2] Fol. 1.

nhar id-19 ta' April 2013. L-attriċi allegat illi *"l-konvenut huwa persuna pikuza u f'ghemilu ma jzommx f'mohhu l-ahjar interess tal-minuri"*, u għalhekk resqet il-kawża odjerna, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. *Tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri E D B f'idejn l-esponenti u tawtorizzaha sabiex tiehu kwalunkwe deċiżjonijiet relatati mal-ħruġ tal-passaporti, mas-safar, mas-saħħa u mal-edukazzjoni tal-imsemmija minuri u dank if jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;*

2. *Tordna li r-residenza tal-minuri għandha tkun mal-esponenti;*

3. *Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-konvenut għal-minuri, u jibqa' hekk pagabbli sakemm l-imsemmija minuri jagħlaq l-eta' ta' tmintax (18)-il sena u jekk jieqaf mill-iskola u jibda jaħdem bi qliegħ jew sa tlieta u għxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeċiedi li jibqgħa jistudja fuq bażi full-time; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenut mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li qed jipperċepixxi l-konvenut, u jiġu depożitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti ż-żieda fl-għoli tal-ħajja;*

4. *Tordna lill-konvenut sabiex iħallas nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u mal-edukazzjoni tal-istess minuri inkluż, u mhux limitatament, uniformijiet, transport, donations, privatijiet u kwalunkwe spejjeż oħra relatati mal-edukazzjoni, inkluż spejjeż relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri;*

5. *Tordna lill-konvenut iħallas l-arretrati ta' manteniment u ta' spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni, kif ser jiġi pruvat matul il-kawża;*

6. *Tiffissa aċċess għall-konvenut għall-minuri fl-aħjar interess tal-istess minuri;*

7. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Salv provvedimenti oħra li l-Qorti jidrilha xieraq u gusti.*

*Bl-ispejjeż u imgħaxijiet kollha kontra l-konvenut, inkluż l-proċeduri ta' medjazzjoni, li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat li l-konvenut C D ressaq **risposta maħlufa nhar l-4 ta' Ottubru 2019**,[3] u fiha ressaq numru ta' eċċezzjonijiet u fisser illi *"dawn il-proceduri saru kapriccjozament ghas-skopijiet ulterjuri ta' l-istess rikorrenta li m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-interessi tal-minuri kif suppost ghandu jkun imma l-interess principali taghha dejjem u baqghet biss fuq termini ta' 'flu' liema haga ser tigi ampjament ippruvat fil-mori tal-kaz"*;

Rat illi ai termini tal-Artikolu 396 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, **il-konvenut ipprevalixxa ruħu mill-fakolta' tal-kontro-talba,** fejn filwaqt li kkonferma li kellu relazzjoni mal-attriċi, minn liema relazzjoni twieled il-minuri E D B nhar id-19 ta' April 2013, huwa *inter alia* fisser illi *"l-istess intimata qed tgħatti x-xemx bl-għarbiel billi qed timmanuvra biex ma thallas lura flus mifthiema fis-somma ta' sbatax il-elf Euro - €17,000 – favur l-esponent tal-benefikati li saru u nefaq fil-flat ta' l-istess intimata Haz-Zabbar. Illi bid-dikjarar, hi qed tipprova ittawwal biex ma thallashomx bl-iskuza tat-tifel u partikolarment il-manteniment biex: i) ma tohrogx il-flus li ghandha thallas lill-esponent; ii) ma jkunx hemm l-ipoteka fuq il-propjeta' ta' missierha li accetta li jaghmel dan biex is-somma tithallas; iii) ma tiehux loan mil-bank u b'hekk tiffranka l-imghax rizultanti; iv) l-esponent jispicca b'xejn. Illi ghandu jigi osservat li l-intimata halliet is-suespost punti barra ghal kollox f'dawn il-proceduri ghax ma jaqblilhiex tithaddet fuqhom ghax hi taf li din it-taffiga qed tohloqha hi biex tavvanza hi akkost ta' kollox".* Għalhekk il-konvenut jitlob lill-Qorti sabiex:

1. *Tafda w takkorda li l-kura w kustodja tat-tifel 'E' ikun favur l-esponent ghad-eskluzzjoni tal-intimata. Illi di piu, din l-awtorizzazzjoni ghandha tinkludi it-tehid tad-decizjonijiet relatati fil-konfront tal-minuri, li ghandhom jinkludu wkoll decizjonijiet relatati mal-hrug tal-passaporti, safar, sahha w edukazzjoni tal-imsemmi minuri u dan kif jigi stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;*

2. *Tordna li r-residenza tal-minuri jkun mal-esponent imma jigu stabbiliti hinijiet tal-access kontrollat bil-hinijiet li jkunu propizju skond il-kaz;*

[3] Fol. 77.

3. *Tiffissa w tillikwida retta alimentari adegwat li l-istess intimata ghandha thallas lill-esponent liema hlas ghandu jitnaqqas sakemm il-minuri jaghlaq l-eta' ta' tmintax (18) –il sena u jekk jieqaf mill-iskola u jibda jahdem bi qliegh jew sa tlieta w ghoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeciedi li jibqa` jistudja fuq bazi 'full time'. Illi di piu, l-alimenti ghandu jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tar-rikorrenta intimata tal-impjieg taghha jew xoghol skond il-kaz jew kwalunkwe beneficcju li qed tippercepixxi l-intimata rikorrenta u jigu kreditati f'kont li jigi indikat mill-esponent; illi di piu', tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u awmentat kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja;*

4. *Tordna li dawn l-ispejjez kollha, partikolarment imma mhux esklussivament, li l-manteniment jinqata' diretament mill-paga taghha la hi tahdem u/jew kif tordna dina l-Onorabbli Qorti w jigu versat f'kont apposta ghall-bzonnijiet tal-minuri;*

5. *Tordna li kull beneficcju li jkun dovut ta' kwalunkwe xorta jigi versat favur l-esponent;*

6. *Tordna li jsir il-hlas u likwidazzjoni fl-ammont tas-sbatax il-elf euro - €17,000 – kif mifthiem u ghandu x'jaqsam sew u hu parti integrali minn din il-pendenza u jekk hemm bzonn anki jigi ipotekat il-flat attwali taghha biex zgur din is-somma tithallas minghajr ebda diffikulta. Alternattivament, is-somma tigi utilizzata biex f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti tordna li l-minuri jghix mal-omm, l-manteniment jitnaqqas minn hemm basta li jkun hemm prova ta' hlas bir-ricevuti skond il-kaz u il-bzonn tal-infieq, liema haga ghandha tkun kontrollata w ivverifikata;*

7. *Tordna li l-minuri jibqa' jmur l-iskola ta' Haz-Zabbar u/jew skola ohra skond il-kaz;*

8. *Tordna li jkun hemm access kontrollat, jekk ikun il-kaz, favur l-omm stante li l-intimata/rikorrenta tiehu sostanzi tossici;*

9. *Tordna li s-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti tigi registrata fir-Registru Pubbliku, 'iktar stante li l-intimata rikorrenta qed taghmel minn kollox biex tahrab mill-obbligi taghha finanzjarja, li hi l-vera raguni ta' dawn il-proceduri li istitwiet l-istess rikorrenta/intimata;*

10. *Salv kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti taghzel li taghmel li jkun xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez u imghaxijiet kollha kontra r-rikorrenta/intimate li gew inkorsi sija direttament kif ukoll indirettament, inkluzi l-proceduri ta' medjazzjoni w hi ingunta minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat illi l-attriċi rikonvenzjonata resqet **risposta maħlufa għall-kontro-talba datata 21 ta' Ottubru 2019**,[4] u fiha resqet numru ta' eċċezzjonijiet. Fost dawn l-eċċezzjonijiet hemm eċċezzjoni preliminari li ser tiġi deċiża f'din is-sentenza. Din l-eċċezzjoni taqra hekk: *"Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, b'referenza ghas-sitt talba, dina l-Onorabbli Qorti ma hiex kompetenti sabiex tiddeciedi din il-materja stante li din l-allegata somma hija dovuta skont il-konvenut rikonvenzjonanti ghall-benefikati li huwa ghamel fir-residenza tal-esponenti. Illi ghalhekk il-Qorti kompetenti hija l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili"*;

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Diċembru 2019,[5] il-Qorti ħatret lil Dr Maria Dolores Gauci bħala Assistant Ġudizzjarju, u ddereġietha sabiex tisma' l-provi fir-rigward tal-eċċezzjoni dwar il-kompetenza *o meno* ta' din il-Qorti fir-rigward tas-sitt talba kif dedotta fil-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant;

Rat il-provi mresqa quddiem l-Assistant Ġudizzjajru, miġbura limitatament fuq l-eċċezjoni preliminari in eżami;

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2022, il-Qorti ħalliet din il-kwistjoni għas-sentenza finali għal-lum.[6]

**Ikkunsidrat:**

Fil-każ odjern l-eċċezzjoni dwar il-kompetenza *o meno* ta' din il-Qorti ġiet sollevata mill-attriċi rikonvenzjonata. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tieħu l-opportunita' sabiex tirribadixxi illi ġialadarba l-kwistjoni tal-kompetenza *raione materiae* hija ta' ordni pubbliku, tali eċċezzjoni setgħat ġiet ukoll

[4] Fol. 85.
[5] Fol. 106.
[6] Fol. 265.

sollevata *ex officio* abbażi tal-Artikolu 774 (b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.[7]

**Ikkunsidrat:**

Fl-ewwel lok, il-Qorti tqis illi sabiex tkun f'pożizzjoni illi tasal għad-deċiżjoni jekk għandhiex kompetenza *o meno* fir-rigward tal-kwistjoni odjerna, huwa neċessarju għaliha illi mingħajr ma tidħol fil-mertu tiddentifika x'inhi il-kwistjoni u kif ukoll dik il-liġi li tirregola tali kwistjoni.

*In breve* jirriżulta illi t-tilwima pendenti bejn il-partijiet tirrelata *in primis* mar-regolar tal-kura, il-kustodja, l-aċċess u l-manteniment tal-minuri E D B, li ġie kkoncepit u mwieled barra ż-żwieġ. Fil-fatt kemm ir-rikors promotur tal-attriċi, kif ukoll il-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant, jiffokaw _*primarjament*_ fuq dawn il-kwistjonijiet. Madanakollu, jirriżulta ukoll illi fil-kontro-talba tiegħu, il-konvenut, flimkien mat-talbiet rigward il-kura, l-kustodja, l-aċċess u l-manteniment, żied talba oħra speċifika rigward il-likwidazzjoni u l-ħlas tas-somma ta' €17,000 għal benefikati li l-konvenut għamel fil-proprjeta' parafernali tal-attriċi.

Tenut kont tas-suespost, jidher ampjament ċar illi _*l-kwistjoni primarja*_ hija l-kura, il-kustodja, l-aċċess u l-manteniment tal-minuri E D B. Minn evalwazzjoni tal-liġi, jirriżulta ukoll illi l-*funditus* tal-azzjoni in eżami hija regolata mill-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili li huwa *'Fuq il-Persuni'*, b'mod partikolari l-Ewwel u r-Raba' Titolu tal-istess Ktieb. Min-naħa l-oħra, u fir-rigward tal-kwistjoni ulterjuri sollevata mill-konvenut rikonvenzjonant li titratta allegata obbligazzjoni li tikkonsisti fi ħlas ta' somma ta' flus, mil-liġi nostrana jidher li tali materja hija regolata ukoll mill-Kodiċi Ċivili, iżda mir-Raba' Titolu tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Ktieb li jitkellem speċifikament *'Fuq il-Beni'* u l-obbligazzjonijiet in ġenerali.

**Ikkunsidrat:**

[7] Ara *inter alia*: (i) **Emmanuele Vella vs. Raffaele Barbara**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Mejju 1957, (ii) **Vincent Galea vs. Anthony Robert Pisani**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-12 ta' Jannar 2005, (iii) **L-Avukat Rachel Loporto Montebello noe vs. Victoria Dingli noe**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-7 ta' Frar 2019, (iv). **Marianna sive Manon Calleja et vs. Kummissarju tal-Artijiet**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Frar 2021.

Stabbilita l-kwistjoni in eżami u liema liġi għandha tirregola l-kwistjonijiet primarji u dawk sekondarji kif sollevati fir-rikors promotur u l-kontro-talba, il-Qorti sejra tissokta sabiex fit-tieni lok telenka fiex tikkonsisti l-kompetenza mogħtija lilha permezz tar-Regola Numru 4 tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili (Liġi Sussidjarja 12.19[8] u l-iSkeda tar-Regolament 2(a) tal-Liġi Sussidjarja 12.20[9]), ċjoe':

*"Lill-Qorti ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandhom jiġu assenjati dawk il-kawżi li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti ċivili u li għandhom x'jaqsmu ma':*

*(a) it-Titoli I, II u IV ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi ċivili;*[10]
*(b) l-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta' Digrieti ta' Manteniment;*
*(ċ) l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment;*
*(d) l-Att dwar iż-Żwieġ; u*
*(e) l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri".*

**Ikkunsidrat:**

Wara eżami tas-suespost, jiġi sottolinejat illi in vena legali ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Victor Peralta et vs. Maria armla minn Anthony Curmi et**,[11] fejn il-Qorti saħqet illi: "*Huwa pacifikament konkordat illi "l-kompetenza tal-Qorti hi determinata fuq kollox, u qabel kull konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet moghtija, mit-termini ta' l-azzjoni attrici. Hu l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha"*[12] *- "Frankie Refalo nomine -vs- Jason Azzopardi et", Appell, 7 ta' Ottubru 1997.*"

Fid-dawl tas-surreferit, jekk wieħed jagħti ħarsa lejn ir-rikors promotur jirriżulta illi l-kwistjoni li fuqha ġiet mibdija l-azzjoni hija *limitata għall-kura, kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri*. Għalhekk permezz ta' tali kwistjonijiet ġiet determinata l-kompetenza tal-Qorti li għandha tisma' u

[8] Ir-Regolamenti dwar il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja), tas-16 ta' Diċemebru 2003.
[9] Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili, tas-16 ta' Diċmebru 2003.
[10] Jingħad illi, l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili huwa *'Fuq il-Persuni'*, fejn: (i) Titolu I tal-Ewwel Ktieb jitratta *'Jeddijiet u d-Dmirijiet li jitnisslu miż-Żwieġ'*, (ii) Titolu II tal-Ewwel Ktieb jitratta *'l-Filjazzjoni'*, u (iii) Titolu IV tal-Ewwel Ktieb jitratta *'is-Setgħa tal-Ġenitur'*.
[11] Deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), nhar it-8 ta' Ġunju 2005.
[12] Sottolinejar ta' din il-Qorti.

tiddeċiedi tali azzjoni – li abbażi tar-regolament numru 4 tal-Liġi Sussidjarja 12.19, ma hemm l-ebda dubju illi tali kwistjonijiet jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja). Min-naħa l-oħra, ai termini tal-Artikolu 396 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-konvenut kellu kull opportunita' illi jipprevalixxi ruħu mill-fakolta' li jressaq kontro-talba, bl-intiża li t-talba oriġinali u l-kontro-talba jsiru proċess wieħed u t-talbiet kollha jiġu deċiżi fl-istess kawża.[13]

Fil-fatt il-problema hija li għalkemm kważi t-talbiet kollha tal-konvenut rikonvenzjonant jitrattaw il-kura, il-kustodja, l-aċċess u l-manteniment tal-minuri, il-konvenut ressaq talba oħra li titratta l-obbligazzjoni ta' ħlas ta' somma flus għal benefikati li saru fid-dar parafernali tal-attriċi u dan sakemm huma damu jgħixu flimkien bħala koppja. Fil-fehma tal-konvenut, tali talba setgħat issir fil-kontro-taba għaliex il-manteniment tal-minuri jista' jitnaqqas minn tali ammont. Min-naħa l-oħra, l-attriċi ssollevat l-eċċezzjoni tal-inkompetenza ta' din il-Qorti illi tisma' u tiddeċiedi s-sitt talba tal-kontro-talba.

Jibda sabiex jingħad illi l-konvenut naqas milli jressaq dik il-prova sabiex jistabbilixxi illi t-talba rigward il-likwidazzjoni u l-ħlas tas-somma pretiża minnu taqa' taħt il-parametri tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja). Madanakollu, b'ħarsa lejn regolament numru 4 tal-Liġi Sussidjarja 12.19 jirriżulta ċar li tali regolament ma jagħmel l-ebda referenza għall-obbligazzjonijiet ġenerali skont ir-Raba' Titolu tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili u b'hekk awtomatikament tali kwistjoni taqa' taħt il-kompetenza tal-Qorti Ċivili imma ta' sezzjoni differenti.

Magħdud mal-premess u ġialadarba l-partijiet kienu f'relazzjoni iżda qatt ma kienu qatt miżżewġin, ifisser illi kwalunkwe obbligazzjoni jew pretensjoni li hemm bejn il-partijiet, ma tistgħax tiġi kkunsidrata, evalwata u deċiża minn din il-Qorti, iktar u iktar f'azzjoni li primarjament tikkonċerna l-kura, il-kustodja, l-aċċess u l-manteniment tal-minuri tal-partijiet. Għalhekk huwa inutli li l-konvenut iressaq l-argument illi tali kwistjoni hija relatata ma' dik tal-minuri għaliex se mai, skontu, il-manteniment jista' jitnaqqas mis-somma pretiża minnu mill-attriċi. Fil-fehma tal-Qorti l-konvenut ma kellu qatt jinqeda b'tali azzjoni sabiex jittenta jottjeni deċiżjoni rigward obbligazzjoni ta' ħlas ta' flus, iżda kellu jintavola proċeduri *ad hoc* quddiem dik il-Qorti kompetenti. Fid-dawl

[13] Artikolu 897 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

ta' dan, jiġi mfakkar illi *"La riconvenzione proroga la giurisdizione ma non la competenza, i cui canoni rimangano inalterati"*.[14] Għalhekk, il-Qorti hija kostretta li tiddeċiedi li mhijiex il-Qorti kompetenti sabiex tisma' u tiddeċiedi s-sitt talba kif dedotta fil-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzojanant, u b'hekk qiegħda tikkonsidra l-eċċezzjoni tal-inkompetenza bħala waħda ġustifikata limitatament fir-rigward ta' tali talba.

**GĦALDAQSTANT** għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi li ai termini tar-Regola Numru 4 tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili, hija m'hijiex kompetenti li tisma' u tiddeċiedi s-sitt talba kif dedotta fil-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant li taqra: *"Tordna li jsir il-hlas u likwidazzjoni fl-ammont tas-sbatax il-elf euro - €17,000 – kif mifthiem u ghandu x'jaqsam sew u hu parti integrali minn din il-pendenza u jekk hemm bzonn anki jigi ipotekat il-flat attwali taghha biex zgur din is-somma tithallas minghajr ebda diffikulta. Alternattivament, is-somma tigi utilizzata biex f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti tordna li l-minuri jghix mal-omm, l-manteniment jitnaqqas minn hemm basta li jkun hemm prova ta' hlas bir-ricevuti skond il-kaz u il-bzonn tal-infieq, liema haga ghandha tkun kontrollata w ivverifikata"*, u b'hekk mhux ser tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba; konsegwentament tordna li ser tiprosegwi bis-smigħ tal-kawża fir-rigward tat-talbiet l-oħra kif dedotti fir-rikors promotur u l-kontro-talba liema talbiet jikkonċernaw il-kura, il-kustodja, l-aċċess u l-manteniment tal-minuri E D B.

Spejjeż għandhom ikunu sapportati mill-konvenut.

---

[14] **L. Spiteri Debono nomine vs. C. Darmanin**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' April 1930 (Volum XXVII.i.886):